# KIF TINDUNA B'WEBSITE FALZA?



minn CLAIRE MICALLEF
Uffiċjal għall-Informazzjoni,
Uffiċċju għall-Affarijiet
tal-Konsumatur



Ix-xiri online iġib miegħu ħafna vantaġġi għalina l-konsumaturi, fosthom iktar konvenjenza, xelta akbar ta' prodotti, u l-faċilità li nqabblu l-prezzijiet bejn ħanut u ieħor. Iżda, minkejja dawn il-benefiċċji, il-konsumaturi għandhom joqogħdu attenti l-ħin kollu għar-riskji li jġib miegħu dan it-tip ta' xiri, bħall-ngħidu aħna scams u frodi online.

Hemm diversi tipi ta' scams u kollha jiġu maħluqa biex jingannaw il-konsumaturi. Uħud minnhom ikunu magħmula speċifikament biex jisirqu l-informazzjoni personali tal-konsumatur jew biex iqarrqu bin-nies u jwassluhom li jipprovdu d-dettalji tal-kont tal-bank tagħhom. Eventwalment dawn jibdew jagħmlu tranżizzjonijiet li ma jkunux awtorizzati mill-konsumatur.

L-ewwel tipi ta' scams kienu forma ta' imejls fejn il-konsumatur kien ikun infurmat li rebaħ somma flus kbira u jiġi mitlub jipprovdi d-dettalji tal-kont tal-bank biex ikunu jistgħu jitrasferixxu l-flus fih. Minkejja li ħafna jafu li biex tirbaħ xi ħaġa trid tkun ħadt sehem f'xi kompetizzjoni jew lotterija, ħafna huma dawk li xorta jispiċċaw vittmi ta' dawn it-tip ta' scams.

Bl-avvanzi li hawn fil-komunikazzjoni diġitali, dawk li joħolqu dawn l-iscams qed isiru iktar sofistikati u kreattivi kif jagħżlu n-nies biex jisirqulhom flushom jew l-informazzjoni privata tagħhom. Għaldaqstant, il-konsumaturi jistgħu jispiċċaw vittmi ta' diversi scams meta jkunu fuq l-internet, ifittxu biex jixtru prodotti speċifiċi. Sfortunatament, jekk ma jittihdux il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, il-konsumaturi jaf jirċievu prodotti ta' kwalità inferjuri, prodotti li jkunu totalment differenti minn dak li jkunu ordnaw, jew agħar minn hekk ma jirċievu xejn. Imbagħad meta jippruvaw jikkomunikaw mal-bejjiegħ, jindunaw li jew il-website m'għadhiex teżisti jew l-informazzjoni li jkun hemm dwar il-bejjiegħ u n-negozju tkun falza.

Sabiex wieħed inaqqas ir-riskju li jispiċċa vittma ta' dawn l-iscams, tajjeb li jsegwi dawn il-prekawzjonijiet:

## Agħti kas il-URL tal-website

Qabel ma' tħallas iċċekja li l-website tkun tibda bl-ittri "https:"; fejn l-ittra s tfisser li l-website hi sigura. Għandek tara wkoll jekk hemmx il-katnazz ħdejn il-website. Ladarba jkun hemm dan is-simbolu, agħfas fuqu sabiex tara x'inhuma d-dettalji ta' sigurtà tal-website.

Importanti ħafna li l-kompjuter ikun protett kontra viruses u spyware. Hemm diversi websites li jgħinuk tagħraf liema websites huma siguri u liema mhumiex.

Għalkemm huwa tajjeb li dejjem tiċċekkja li l-website tibda b'https u li jkun hemm il-katnazz, dan biss mhuwiex biżżejjed. Għalhekk, hemm bżonn li wieħed isewgi wkoll dawn il-punti li ġejjin.

## Iċċekkja l-isem tad-dominju

Qabel ma tipprovdi xi dettalji personali jew dettalji tal-karta tal-kreditu, aqra sew il-URL. Dan minħabba li xi websites frawdalenti ikollhom URL li jkun jidher simili ħafna bħal dawk ta' kumpaniji jew ditti kbar.

Dawn iċ-ċiberkriminali jagħmlu websites li kull ma jkollhom hi ittra waħda differenti mill-website oriġinali. Dan bil-għan li l-konsumaturi jiktbu l-URL ħażin jew ma jindunawx bl-iżball li jkun hemm.

## Fittex sew qabel tixtri

Dawn l-iscammers ikunu jafu li bħalissa minħabba l-pandemija ħafna mill-konsumaturi jkunu qed jixtru online, u għalhekk jikkreaw websites iktar attraenti biex jiġbdu l-attenzjoni tal-konsumaturi u jqarqgħu bihom b'mod iktar faċli.

Għalhekk, qabel ma tixtri mingħand xi bejjiegħ li qatt ma tkun xtrajt mingħandu, għandek tfittex ftit informazzjoni dwaru u dwar in-negozju tiegħu. Importanti li tara x'kummenti ħallew konsumaturi oħra sabiex tivverifika jew għandekx tafda lill-bejjiegħ jew le. websites bħall-scamadviser.com u who.is jindikaw jekk il-website tkunx scam jew le u jikkonfermaw kemm huma kredibbli.

## Iċċekkja l-lingwa użata u l-grammatika

Iddedika ftit ħin sabiex taqra l-informazzjoni li jkun hemm fuq il-website, bħall-informazzjoni dwar il-kumpanija. Jekk ikun hemm xi żbalji grammatikali, dawn jaf ikunu jindikaw li l-website kienet kreata f'pajjiż ieħor u ppublikawha online malajr. Kumpaniji serji u li wieħed jista' jafda jagħmlu dak kollu possibli sabiex jippreżentaw website professjonali li tkun tinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja.

## Kun af mingħand min qed tixtri

Bejjiegħa professjonali huma legalment obbligati li jinkludu isem il-kumpanija u d-dettalji kollha ta' fejn wieħed ikun jista' jikkuntattjahom. Għandhom jinkludu wkoll id-data ta' meta l-kumpanija ġiet reġistrata u n-numru ta' reġistrazzjoni. Għandna noqogħdu attenti wkoll minn websites li jkollhom informazzjoni ristretta, bħall-emejl address biss mingħajr indirizz postali.

## Rifużjonijiet u poloz ta' ritorn

Websites legali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif il-konsumaturi jistgħu jifthu ilment magħhom, flimkien ma' link għall-pjattaforma ta' soluzzjoni tat-tilwim online. Barra minn hekk, il-bejjiegħa għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-perjodu ta' rtirar li matulu wieħed ikun jista' jikkanċella l-ordni li jkun għamel u jitlob rifużjoni tal-flus imħallsa mingħajr ma jeħel ebda penali.

## Uża metodi ta' pagament sigur

Qabel ma tikkonkludi x-xiri, għandek tassigura li l-pagament se jsir permezz ta' metodi siguri, pereżempju bil-karta tal-kreditu jew bil-PayPal. Dettalji tal-karta tal-kreditu m'għandhom qatt jintbagħtu lill-bejjiegħa b'imejl u trasferimenti bankarji diretti għandhom jiġu evitati.

## Jekk offerta tidher wisq inkredibbli, probabbli mhijiex vera

Filwaqt li hemm bejjiegħa li ġieli joffru roħs attraenti sabiex jeħilsu minn stock antik, jaf wieħed jiltaqa' ma' roħs li ma jitwemminx, bħal ngħidu aħna 80% fuq mudell ta' mobile riċenti. Meta naraw dan għandna nżommu 'l bogħod minn websites hekk minħabba li ċ-ċans hu li wieħed jispiċċa mingħajr il-prodott u mingħar il-flus li jkun ħallas.

L-informazzjoni f'dan l-artiklu kienet provduta miċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta). L-iskop ta' dan l-artiklu huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali. F'każ ta' lment jew bżonn ta' aktar informazzjoni tista' tikkuntattja liċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) fuq in-numru tat-telefown 21221901. L-Uffiċċju tal-ECC Malta jinsab 47A, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.